Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0118

Terminazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-injam u tal-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2025 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-terminazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-injam u tal-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT) (05673/2025 – C10-0012/2025 – 2024/0245(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (05673/2025),

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim ta’ Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-injam u tal-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT)[1],

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0012/2025),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tiegħu tas-17 ta’ Ġunju 2025[2] dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

---

1 ĠU L 92, 6.4.2011, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2011/201/oj.
2 Testi adottati, P10_TA(2025)0119.

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A10-0089/2025),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għat-terminazzjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Kamerun.